MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1111/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JASON AGIUS**

**KONTRA**

**EMANUEL GROGAN ta’ 47 sena, iben il-mejjet John u Rose nee’ Zammit, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-22.03.1963, residenti fil-fond imsemmi Madonna tal-Karmnu, Triq Maestro Giuseppe Camilleri, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita’ numru 223163M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ‘l hawn fuq imsemmi **EMANUEL GROGAN** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta’ Gunju, 2006, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar fl-Ajruport Internazzjonali ta’

Malta, Gudja, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vettura ta' l-ghamla Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni AGY 026 ghad-detriment ta' David Debono liema ammont tal-hsara ma jiskorrix hames mitt lira Malta, imma hu izjed minn hamsin lira Maltin.

Rat li l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal dan l-iskop;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzonijiet.

Ikkunsidrat:

Rat ukoll l-istqarrijiet (tnejn) rilaxxati mill-imputat, fejn fit-tieni stqarrija - kif kien drittu, ghazel illi ma jwegibx ghall-mistoqsijiet lilu maghmula. Pero fl-ewwel stqarrija huwa spjega l-presenza tieghu gewwa l-parking tal-MIA fid-data ta' l-akkuza. Spjega li huwa kien hemm ghax kien qieghed isegwi l-passi tal-parte leza u martu li skondtu ghandhom relazzjoni. Ghalhekk, minhabba kawza ta' separazzjoni bejn il-konjugi Grogan, l-imputat ried jiehu ritratti ta' din ir-relazzjoni – almenu hekk spjega. Ammetta illi ghalhekk hu vera kien hdejn il-vettura Mercedes ta' David Debono, biss pero ghal dan l-iskop. Tant mar ghalhekk, illi kellu anke camera fil-but tal-qalziet. Spjega li hu jpejjep u qal illi deher jitbaxxa ghax waqaghlu s-sigarett ma' l-art. Innega li hu ghamel hekk biex jikkaguna hsara lill-vettura ta' Debono.

Fill-fatt kemm mix-xhieda ta' Debono kif ukoll mir-ritratti ezebiti, jidher car illi l-Mercedes sofriet varji brix probabbilment rizultat ta' vendikazzjoni. Fil-fatt is-surveyor Philip Mifsud spjega illi l-hsara fuq il-Mercedes kienet ammontanti ghal Lm150.00. Qal ukoll illi hu kien gie

mqabbad minn Debono – il-hsarat fuq il-bieba kienu ta' deep scratch. Qal ukoll illi din il-girfa kienet wahda friska (folio 32). Gie ezebit ghalhekk Dok PA folio 35.

Minn naha tieghu David Debono xehed dwar is-suspetti tieghu fl-imputat kif ukoll illi kien cert li qabel ma pparkja l-vettura ma kellu ebda grif fiha.

Rat ukoll iz-zewg 'stills' ezebiti mill-Ispettur Jason Agius Dok JA3. Rat ukoll f'dan ir-rigward il-lista ezebita mill-Ispettur Agius Dok JA fis-seduta ta' nhar id-19.05.2009. Rat ghalhekk ir-rapport ta' l-espert Martin Bajada Dok MB. Certament l-stills imsemmija, u sa certu punt ir-ritratti misjuba fir-rapport ta' Martin Bajada (minhabba d-digits tal-hin) juru vettura Mercedes u persuna tavvicina l-istess. Pero, ghalkemm din il-Qorti tista' tasal biex temmen illi Grogan li kien qed jigri wara l-passi ta' martu tant li kien qieghed isegwi lill-parte leza, seta' jasal anke ghal dawn l-azzjonijiet infantili, xorta bir-ritratti lilha ezebiti ma tistax tikkonkludi li l-figura fir-ritratti hija l-persuna ta' l-imputat.

Ghaldaqstant qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------